MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 601/2009

**Frank Borda Ltd (C-446)**
**Vs**
**Lee Camilleri (K.I. 237982M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett elef, erba' mija, erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Frank Borda Ltd ghall-import ta' tnax-il kambjala skaduti u mhux imhallsa skont dokumenti annessi mat-talba.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-1 ta' Ottubru, 2010 iffirmat mill-Avukat Dr. Claudine P. Zarb.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------